# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Diċembru 2021**

Appell numru 208/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jason CARUANA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-2 t'Ottubru 2020 fil-konfront ta' Jason CARUANA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43977M) li ġie mixli talli (in suċċint) fis-7 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' 22:20 fil-Floriana kif ukoll fil-ġranet, ġimgħat u xhur qabel kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta' Ġunju 2016 u 2 ta' Diċembru 2016. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat kif ukoll tordna li "s-somma ta' 3,500 Ewro" jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li titratta mal-imputat bħala li huwa reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat

appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' tnax il-xahar priġunerija filwaqt li rrevokat contrario imperio d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 17 ta' Ġunju 2016 u ordnat li l-imputat appellant jiġi arrestat mill-ġdid filwaqt li ordnat li s-somma ta' erbat elef euro rappreżentanti depożitu u garanzija personali jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant CARUANA appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan fuq l-aggravji li :
    i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-fatti li waslu għas-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ, inkluż billi l-Uffiċjal Prosekutur ma kkonfermatx bil-ġurament il-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u li l-istess kundizzjonijiet kienu għadhom viġenti. B'hekk ma kienx hemm l-aqwa prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li ssostni s-sejbien ta' ħtija fl-appellant. Inoltre l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element intenzjonali f'dan il-każ. Apparti minn hekk in-natura tal-ksur allegat li seħħ mill-appellant ma kienx wieħed ta' natura gravi u serja li kien tali li jimmerita li tittieħed din l-azzjoni penali kontra tiegħu.
    ii. Il-piena inflitta kienet eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ u dan anke fid-dawl tal-fatt li l-allegat ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu ta' natura żgħira u mhux serja, bħal kommissjoni ta' reat waqt il-ħelsien mill-arrest eċċ.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

2. Issa din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopji awtentiċi tad-digrieti relattivi. Biss il-Qorti tinnota li d-digriet li, fuqu wkoll, il-Prosekuzzjoni sejset il-każ tagħha ġie preżentat lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara l-egħluq tal-provi da parti tal-Prosekuzzjoni. Mill-atti jirriżulta ċar li mal-preżentata tal-appellant matul is-seduta tad-9 ta' Settembru 2020 il-Prosekuzzjoni eżebiet kopja legali tad-digriet oriġinali konċedenti l-ħelsien mill-arrest tas-17 ta' Ġunju 2016 a fol 20. Miegħu il-Prosekuzzjoni eżebiet ukoll kopja ta' digriet ieħor, datat 30 ta' Novembru 2016 a fol 21, iżda li ma jirrispekkjax il-kambjamenti li saru fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li huma rilevanti għall-fini ta' dan il-każ. Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi tagħha fl-istess seduta tad-9 ta' Settembru 2020 kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni li ġiet verbalizzata a fol 3.

3. Biss jirriżulta wkoll li wara li saret dik is-seduta, u anke wara seduta sussegwenti li seħħet fis-16 ta' Settembru 2020[1] jirriżulta li xi ħadd – mhux speċifikat u mhux ċar min – irrealizza li kien sar żball meta kien ġie eżebit id-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali minħabba li d-dokument a fol 21 ma kienx dak li suppost kellu jiġi eżebit biex f'dan il-każ id-digriet tal-ħelsien mill-arrest setgħa jitqies integralment bħala prova valida u l-aqwa prova f'dan il-każ.

4. Tant hu hekk li anke wara t-tielet seduta miżmuma fit-23 ta' Settembru 2020 – fejn hemmhekk anke d-difiża kienet iddikjarat li ma kellhiex provi – jirriżulta li permezz ta' nota datata 28 ta' Settembru 2020 ir-Reġistratur, Qrati Kriminali u Tribunali, preżentat kopja awtentika ta' digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest sħiħ – iġifieri dak oriġinali tas-17 ta' Ġunju 2016 flimkien ma dak id-digriet tat-2 ta' Diċembru 2016 li kien awtorizza tibdil fil-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest billi estenda l-ħin tar-rinkażar sal-2200 filwaqt li żamm ferm ir-rimanenti kundizzjonijiet.

5. Id-Difiża kienet pronta biex, fis-seduta sussegwenti, iġifieri dik tad-29 ta' Settembru 2020 ipprotestat dwar dan il-fatt li fil-jum ta' qabel ir-Reġistratur kienet preżentat kopja tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest b'mod integrali fi stadju proċedurali fejn il-Prosekuzzjoni kienet ilha li għalqet il-provi tagħha sa mid-9 ta' Settembru 2020 jew, fl-aħjar ipoteżi għall-Prosekuzzjoni – mis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020.

[1] fejn, kif jirriżulta mill-verbal a fol 30, il-Prosekuzzjoni għal darb'oħra kienet iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqa

6. F’dan l-appell allura d-Difiża qegħda tisħaq li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-aqwa prova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-ħtija tal-appellant. Anzi ssostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-istess digriet preżentat minnha kien għadu viġenti fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat reat.

7. Fuq dan il-punt, id-Difiża għandha raġun. Dan huwa proċediment ta’ natura penali. Huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jispetta lil Prosekuzzjoni tipprova l-eżistenza ta’ digriet, maħruġ mill-Qorti kompetenti, li juri, qabel xejn x’kienu l-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest fil-konfront tal-imputat. L-aqwa prova f’dan il-każ huwa indubbjament id-digriet sħiħ – iġifieri d-digriet oriġinali magħqud ma kwalunkwe bidla li setgħet saret fih u li kienet fis-seħħ fiż-żmien meta jkun allegatament seħħ ir-reat de quo. Il-Prosekuzzjoni kienet ħasbet li resqet din il-prova u fil-fatt tant kienet kunfidenti li mal-ewwel seduta kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Iżda rriżulta li dak id-digriet li kien ġie eżebit bħala l-aqwa prova ma kienx digriet komplut in kwantu ma kienx jiġbor fih u miegħu it-tibdil li kien sar fih bid-digriet tat-2 ta’ Diċembru 2016 li jinsab eżebit a fol 47, iżda li kellu jiġi eżebit flimkien mad-digriet a fol 20.

8. Ġaladarba l-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha fis-seduta tad-9 ta’ Settembru 2020, il-prova li hija kienet resqet għall-konsiderazzjoni tal-Qorti kienet dik eżebita a fol 20. Wara li kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqa l-Prosekuzzjoni ma setgħetx taqbad u tippreżenta kopja tad-digriet it-tajjeb permezz ta’ nota kif fil-fatt sar. Il-Prosekuzzjoni kellha tara li dak l-iżball ma jittieħedx fl-ewwel lok. U fi kwalunkwe każ ma setgħetx imbagħad tistrieh fuq digriet li kien l-aqwa prova f’dan il-każ wara li l-provi tagħha kienu dikjarati bħala magħluqa.

9. F’dan is-sens allura d-Difiża għandha raġun li tipprotesta ruħha fuq il-mod kif tmexxiet din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu meta dik il-Qorti laqgħet quddiemha l-prova tad-digriet de quo bis-saħħa tan-nota a fol 47, hija kienet qegħda tammetti bi prova dokument li suppost kellu jiġi preżentat mill-Prosekuzzjoni bħala parti mill-aqwa prova li kienet obbligata li ġġib fi stadju wara li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li l-provi tagħha kienu magħluqa għal darba, darbtejn.

10. Din il-Qorti tqis li dan ma kienx proċeduralment korrett. B'hekk l-ilment tad-Difiża f'dan il-każ jimmerita li jiġi milqugħ. Din il-Qorti, u l-Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tista' tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju prepost għal produzzjoni tal-provi tagħha li jkun ġie kommess il-fatt vjolattiv tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li l-istess fatt ikun seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli, kif ukoll li tipprova dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk viġenti bl-aqwa prova li huwa l-kopja legali integra u sħiħa tal-istess digriet – inkluż bl-emendi jew żidiet li jkunu saru wara l-emanazzjoni tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali. Jekk dan ma jkunx sar, allura ma jkunx jista jitqies integrat ir-reat de quo.

# Deċide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Jason CARUANA, tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**